**Jintlaqgħu 144 kanzunetta għall-Għanja tal-Poplu - Festival tal-Kanzunetta Maltija.**

Din il-ġimgħa ntlaqgħu l-kanzunetti għall-"Għanja tal-Poplu - Festival tal Kanuzetta Maltija".

B'kollox ġew sottomessi 144 kanzunetta. Il-proċess tal-għażla minn ġurija esperta ser jibda l-Ġimgħa 22 ta' April u jissokta l-għada s-Sibt 23 ta' April.

Wara din l-ewwel fażi tal-eliminatorja, l-ġimgħa d-dieħla ssir fażi oħra, fejn sal-aħħar ta' April jitħabbru l-kanzunetti li jkunu għaddew għas-semi- finali tal-festival li ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Lulju, bis-serata finali ssir is-Sibt 9 ta' Lulju 2016.

"L-Għanja Tal-Poplu, Festival tal-Kanzunetta Maltija" qed ikun organizzat mill-Kumitat L-Għanja Tal-Poplu, flimkien ma' Spazju Kreattiv, il-KunsilI Malti għall-Arti u l-PBS.

L-orkestra tal-PBS ser tkun qed tagħti s-sehem tagħha f'dan il-Festival b'ħidma id f'id mal-kompożituri tal-kanzunetti finalisti.

Il-Festival qed ikun mgħejjun ukoll mid-Direzzjoni ta' Pjazza Teatru Rjal u mill-Fondazzjoni Valletta 2018.